# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 7 TA' NOVEMBRU, 2000.

**Kawza Nru. 52.**
**Citazz. Nru. 810/00 JRM.**

**Malta Development Corporation**

**vs**

**Rascala of Malta Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih il-Korporazzjoni wara li ppremetiet:

Illi permezz ta' *letter of intent* li ggib id-data tas-7 t'April, 1998, (Dokment "A") il-Korporazzjoni attrici kienet allokat lis-socjeta' konvenuta ghall-periodu totali ta' sittax (16)-il sena il-fabbrika RL12, Ricasoli Industrial Estate, limiti tal-Kalkara, liema fabbrika ghandha l-kejl superficjali

komplessiv ta' tlett elef u hamsa u tmenin (3,085) metru kwdaru;

Illi skond l-istess ittra ta’ allokazzjoni (Dokument “A”), is-socjeta’ konvenuta kienet tenuta li thallas ghall-okkupazzjoni ta’ l-istess fabbrika s-somma ta’ hamest elef u erba’ mitt lira maltin (LM5,400.00c0) fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem ghall-ewwel tlett (3) snin u s-somma ta’ disat elef, mitejn u hamsa u hamsin liri maltin (LM9,255.00c0) fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem ghall-periodu tat-tlettax (13)-il sena rimanenti;

Illi permezz ta’ *letter of intent* li ggib id-data tat-13 t’Awissu, 1998, (Dokument “B”) il-Korporazzjoni attrici kienet allokat ukoll lis-socjeta’ konvenuta ghall-periodu totali ta’ sittax (16)-il sena l-okkupazzjoni tal-fabbrika HF6, Hal Far Industrial Estate, limiti ta’ Birzebbugia, liema fabbrika ghandha l-kejl superficjali komplessiv ta’ elfejn, tlett mija u hamsin (2,350) metru kwadru;

Illi skond l-istess ittra ta’ allokazzjoni (Dokument “B”), is-socjeta’ konvenuta kienet tenuta li thallas ghall-okkupazzjoni ta’ l-istess fabbrika is-somma ta’ erbat elef, mija u tnax-il lira maltin (LM4,112.00c0) fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem ghall-ewwel tlett (3) snin u s-somma ta’ sebat elef u hamsin liri maltin (LM7,050.00c0) fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem ghall-periodu tat-tlettax (13)-il sena rimanenti;

Illi minkejja li giet interpellata f’diversi okkazzjonijiet biex thallas lill-Korporazzjoni attrici l-kumpens dovut ghall-okkupazzjoni, s-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti;

Ghalhekk il-Korporazzjoni attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tillikwida l-kumpens dovut li ghandu jithallas mis-socjeta' konvenuta lill-attur ghall-okkupazzjoni tal-fabbrika RL 12, Ricasoli Industrial Estate, limiti tal-Kalkara sas-6 ta' Ottubru, 2000 u dan skond il- prospett anness ma' din ic-citazzjoni u mmarkat bhala dokument "C";

2. Tillikwida l-kumpens dovut li ghandu jithalllas mis-socjeta' konvenuta lill-attur ghall-okkupazzjoni tal-fabbrika HF 6, Hal Far Industrial Estate, limiti ta' Birzebbugia sal-21 t'Awissu, 2000 u dan skond il-prospett anness ma' din ic-citazzjoni u mmarkat bhala Dokument "D";

3. Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma hekk likwidata in linea ta' kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fabbrika RL 12, Ricasoli Industrial Estate, limiti tal-Kalkara;

4. Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma hekk likwidata in linea ta' kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fabbrika HF 6, Hal Far Industrial Estate, limiti ta' Birzebbugia;

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid u mandat ta' sekwestru li gew intavolati kontestwalment ma' din iccitazzjoni, kontra s-socjeta' konvenuta li tibqa' ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-Korporazzjoni attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitment notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet tal-Korporazzjoni attrici** kif dedotta fic-citazzjoni billi tillikwida l-kumpens dovut fl-ewwel talba fl-ammont ta' tmint elef u mitt lira maltin (LM8100), tillikwida l-kumpens dovut skond it-tieni talba fl-ammont ta' erbat elef mija u tlettax-il lira maltin (LM4113); u billi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' tnax-il elf, mitejn u tlettax-il lira maltin (LM12,213) ghall-finijiet tat-tielet u r-raba' talbiet attrici, bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta, bl-imghaxijiet legali jghaddu mid-data ta' din is-sentenza sal-jum tal-hlas effettiv.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**7, ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**7, ta' Novembru, 2000.**

*7 ta' Novembru, 2000.*